# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 20 ta' Diċembru, 2017**

**Kawża Nru: 14**
**Rik. Nru. 1112/13 JRM**

**CLAROSA HOTELS LIMITED (C – 35483)**

vs

**APS BANK LIMITED**, Bank of Valletta plc għal kull interess li jista' jkollu, u Rosario Tabone u Claudia Spiteri Sacco għal kull interess li jista' jkollhom

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-18 ta' Novembru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi titlob li din il-Qorti (a) ssib li l-ftehim ta' garanzija milħuq bejnha u bejn il-Bank imħarrek APS Bank Limited huwa null u bla effett skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1233(1) tal-Kodiċi Ċivili; (b) issib li, għalhekk il-garanzija bankarja bin-numru G72TFC20107 maħruġa mill-Bank imħarrek Bank of Valletta plc hija nulla u bla effett għall-istess raġunijiet fuq imtennija; (ċ) issib li l-Bank imħarrek APS Bank Limited ma kellu ebda jedd li jitħallas minn flejjes tagħha l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, tmienja u erbgħin ewro, u disgħa u sittin ċenteżmu (€23,048.69) bi ħlas tal-imsemmija garanzija; u (d) tikkundanna lill-Bank imħarrek APS Bank Limited iħallasha lura l-ammont imsemmi ta' tlieta u

għoxrin elf, tmienja u erbgħin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€23,048.69). Talbet ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali bin-numru 882/2013 u tal-protest ġudizzjarju 231/2013, u l-imgħaxijiet b'seħħ mill-11 ta' Marzu 2010;

Rat id-digriet tagħha tas-25 ta' Novembru, 2013[1], li bih ordnat in-notifika lill-partijiet imħarrka, u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naha tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-23 ta' Diċembru, 2013, li biha l-Bank imħarrek APS Bank Limited (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "APS") jilqa' billi jgħid li l-garanzija bankarja nħarġet u ġiet imġedda mill-Bank of Valletta plc (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "BOV") favurih fuq talba maħruġa mill-kumpannija attriċi nnifisha; li l-garanzija bankarja tħallset fuq talba tal-APS u ma kienet marbuta mal-ebda kundizzjoni jew obbligu ta' verifika dwar ir-rabtiet kuntrattwali li l-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco kellhom ma' APS. Għaldaqstant il-garanzija bankarja ħalqet obbligu ċar lejn APS minn BOV u hija awtonoma u mhux anċillari jew aċċessorja mal-obbligi assunti mill-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco, in-nuqqas tal-element ta' aċċessorjeta' jiddistingwiha mill-elementi meħtieġa taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1925 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk, lanqas ma jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1233 tal-istess Kodiċi. Jiċħad li ntlaħaq xi ftehim bil-fomm bejn il-kumpannija attriċi u l-APS, u jgħid li l-ħlas relattiv jiswa billi sar skond dak maqbul fil-garanzija bankarja;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-23 ta' Diċembru, 2013, li biha l-BOV jilqa' billi jgħid li l-garanzija bankarja hija waħda valida skond il-liġi. Il-ħruġ tal-garanzija bankarja saret fuq talba tal-istess kumpannija attriċi, u nħarġet bil-kundizzjoni li titħallas fuq talba li ssirilha mill-APS mingħajr il-ħtieġa li l-BOV jivverifika jekk it-talba hijiex mistħoqqa. Għaldaqstant il-ħlas sar lill-APS wara li talba li għammilu skond it-termini tl-istes garanzija u minħabba f'hekk kull ħlas magħmula taħtha jiswa skond il-liġi. Itemm jgħid li hu mhux marbut b'xi ftehim bil-fomm li sata' sar bejn il-kumpannij attriċi u l-imħarrkin l-oħrajn fil-kawża, li għalih huwa "*res inter alios acta*";

Rat li minkejja li l-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco laqgħu n-notifika tal-atti, ma daħħlux Tweġiba Maħlufa biex jilqgħu għat-talbiet attriċi. Irid jingħad li l-imħarrka Claudia Spiteri Sacco kienet dehret quddiem il-Qorti fl-ewwel dehra u iddikjarat li riedet tikkontesta l-kawża u li kienet se titlob il-ħatra ta' avukat għall-Għajnuna Legali biex jidher għaliha[2];

[1] Paġ. 35 tal-proċess
[2] Verbal f'paġ. 52 tal-proċess

Rat d-degriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2014[3], li bih ħatret l-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, magħduda l-provi dokumentali minnhom imressqa;

Rat il-verbal tas-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tas-27 ta' Mejju, 2016[4], li bih il-partijiet qablu li ser iressqu s-sottomissjonjiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonjiet tas-17 ta' Ġunju, 2016[5], imressqa mill-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tat-8 ta' Awwissu, 2016[6], imressqa mill-bank imħarrek BOV b'risposta għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-19 ta' Awwissu, 2016[7], imressqa mill-bank imħarrek APS b'risposta għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat li l-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco ma ressqu ebda Nota ta' Sottomissjonijiet b'risposta għal dik tal-kumpannija attriċi, minkejja li ngħataw żmien biżżejjed biex jagħmlu dan;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' nullita ta' garanzija bankarja (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Garanzija"), u sabiex jintraddu lura l-flejjes imħallsa taħtha. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Clarosa") tgħid li l-obbligazzjoni tagħha abbażi tal-Garanzija hija waħda fidejussorja (ta' garanzija) u teħtieġ li ssir bil-miktub *ad validatem* kif trid il-liġi fl-artikolu 1233 tal-Kodiċi Ċivili, ħaġa li ma saretx, u li għaldaqstant twassal għan-nullita tagħha, u għar-radd lura tal-flejjes illi nħarġu fuq l-istess Garanzija.

[3] Paġ. 63 tal-proċess
[4] Paġ. 271 tal-proċess
[5] Paġġ. 272 – 286 tal-proċess
[6] Paġġ. 290 – 300 tal-proċess
[7] Paġġ. 303 – 8 tal-proċess

Clarosa kienet talbet u kisbet il-ħruġ tal-imsemmija Garanzija minn BOV favur APS b'ħarsien tad-dejn li l-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco kien għad għandhom ma' APS;

Illi, minn naħa l-oħra, il-banek imħarrkin APS u BOV jgħidu li l-Garanzija hija awtonoma u mhux anċillari jew aċċessorja mar-rabtiet assunti mill-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco. Din l-awtonomija fiha nnifisha tiddistingwi l-Garanzija, mertu ta' din il-kawza, mill-garanzija kif regolata mill-artikoli 1925 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, li għaliha jgħodd l-artikolu 1233 tal-Kodiċi Ċivili, iżda li ma jgħoddx għall-Garanzija. Għaldaqstant kull ħlas li sar lil APS bis-saħħa tal-Garanzija jiswa u m'għandhom jintraddu lura ebda ammonti kif pretiżi minn Clarosa;

Illi bħala <u>fatti relevanti għal din il-kawża</u> jirriżulta li l-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco kienu għal xi żmien l-azzjonisti u diretturi ta' Clarosa[8], li kienet tmexxi lukanda u li kellha marbut magħha dejn mal-APS[9]. F'xi żmien matul l-2009, l-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco ftehmu li jbiegħu l-interessi kollha tagħhom fil-lukanda (u għalhekk ukoll fi Clarosa) lil Dottor Marco Sammut[10];

Illi bħala parti mill-ftehim, kellu jsir kuntratt nutarili ta' self li bih Clarosa taqta' d-dejn li kellha ma' APS. Dan is-self ġie finanzjat mill-BOV[11]. Jirriżulta wkoll illi kien hemm dejn ieħor ta' erbgħa w għoxrin elf ewro (€24,000) dovuti lill-APS mill-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco[12]. Biex l-APS seta' jikkanċella l-ipoteka maħruġa fuq il-ġid ta' Clarosa[13], APS talab li jingħata garanzija bankarja għall-ammont ta' erbgħa w għoxrin elf ewro (€24,000)[14] imsemmija aktar 'il fuq. Clarosa laqgħet din il-kundizzjoni magħmula minn APS[15], u kemm hu hekk ressqet talba għll-ħruġ tal-Garanzija mal-BOV[16]. Din il-Garanzija kienet tagħmel ukoll parti mis-'*sanction letter*' maħruġa minn BOV lil Clarosa f'Ottubru tal-2009[17] Il-Garanzija nħarġet favur l-APS fil-11 ta' Marzu, 2013[18]. Fost il-kundizzjonijiet imniżżla u maqbula fil-Garanzija kien hemm li l-Garanzija titħallas fuq talba tal-APS, u li l-BOV ma kienx obbligat jistħarreġ jekk ir-raġuni li APS ressqet it-talba kenitx tajba jew mistħoqqa;

[8] Ara x-xhieda ta' Raymond Brockdorff f'paġġ. 70 – 1 u ta' Mark Sammut f'paġ. 118 tal-proċess
[9] Ara x-xhieda ta' Raymond Brockdorff f'paġ. 72 tal-proċess u ta' Mark Sammut fil-kontro-eżami f'paġġ. 122 – 3 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Dr Marco Sammut f'paġġ. 214 – 5 tal-proċess
[11] Dok. "MS" f'paġġ. 89 – 97 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Raymond Brockdorff f'paġ. 117 tal-proċess u ta' Jonathan Sevasta f'paġ. 175 tal-proċess
[13] Ara Dok. "B" f'paġġ. 15 – 17 tal-proċess u x-xhieda ta' Mark Sammut mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 124 tal-proċess
[14] Ara *e-mai*l mibgħuta mill-Avukat Nives Grixti datata 10 ta' Marzu 2010 f'paġġ. 114 – 5 tal-proċess
[15] Ara *e-mail* mibgħuta minn-Nutar Malcolm Mangion datata 11 ta' Marzu, 2010 f'paġ. 114 tal-proċess
[16] Ara Dok. "JS1" f'paġġ. 245 – 6 tal-proċess
[17] Dok "MSZ", f'paġġ. 240 – 4 tal-proċess
[18] Ara Dok. "Ċ" f'paġ. 23 tal-proċess

Illi lil hinn minn din il-Garanzija, u marbut magħha, ma ntlaħaq ebda ftehim bejn l-APS u Clarosa[19];

Illi Clarosa tgħid li l-ftehim li hi laħqet mal-APS biex tinħareġ Garanzijja kien li din kellha tkun waħda għal żmien li jagħlaq[20] ta' sena jew sentejn. Tgħid li dan il-ftehim kien wieħed bil-fomm[21]. Il-Garanzija ġiet imġedda mill-BOV madwar erba' (4) darbiet wara li ġiet awtoriżżata tagħmel dan minn Clarosa[22]. Għall-aħħar talba li saritilha, Clarosa ma tatx il-kunsens tagħha u fit-12 ta' Ġunju, 2013[23], l-APS talab li l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf ewro (€24,000) jitħallas minn BOV bis-saħħa tal-Garanzija (li sa dakinhar ma kinitx għadha għalqet). L-ammont tħallas mill-BOV lill-APS fit-12 ta' Ġunju, 2013[24];

Illi fit-3 ta' Ġunju, 2013[25], Clarosa ressqet protest ġudizzjarju kontra l-imħarrkin billi talbet lil APS tieqaf milli tippretendi xi jeddijiet kontra tagħha bis-saħħa tal-Garanzija, u lill-protestati l-oħrajn milli b'xi mod iħallsu lill-protestat APS taħt il-Garanzija. Fit-18 ta' Novembru, 2013, Clarosa fetħet din il-kawża;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u>, il-Qorti tqis li għandha tibda biex tqis **l-ewwel eċċezzjoni tal-APS u t-tieni eċċezzjoni tal-BOV,** li jgħidu li mhux talli Clarosa kienet taf bil-ħruġ tal-Garanzija, imma talli saħansitra awtorizzat lill-BOV sabiex joħroġha favur l-APS;

Illi mill-provi li tressqu mill-partijiet jirriżulta li Mark Sammut ħa l-kariga ta' direttur fi Clarosa f'Lulju tas-sena 2009[26], xhur qabel ma nqalgħet il-kwestjoni mertu ta' din il-kawża, u li ffirma d-dokumenti marbuta kemm mas-surroga tad-dejn mill-BOV, kif ukoll biex tinħareġ il-Garanzija bankarja. F'dan l-aħħar każ, it-talba għall-ħruġ tal-Garanzija kienet saret minn Clarosa f'April tal-2010[27], li jfisser ġimgħat qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' self mogħti minn BOV lil Clarosa;

Illi l-Qorti ssib li, fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi kollha, u tas-sehem li d-direttur kemm f'ismu personali (bħala l-persuna interessata fix-xiri tal-kumpannija), kif ukoll f'isem Clarosa ħa fil-laqgħat li kienu saru bejn il-partijiet, ma jista' bl-ebda mod jingħad li Clarosa sabet dan kollu ma' wiċċha

---

[19] Ara x-xhieda ta' Raymond Brockdorff f'paġ. 72A tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' Mark Sammut f'paġ. 120 tal-proċess
[21] *Ibid* paġ. 121 tal-proċess
[22] Ara Dok. "JS3" f'paġġ. 249 – 252 tal-proċess
[23] Ara Dok. "JS2" f'paġ. 248 tal-proċess u l-affidavit ta' Jonathan Sevasta f'paġ. 261 tal-proċess
[24] *Ibid* paġ. 262 tal-proċess. Ara wkoll paġġ. 100 – 1 tal-proċess
[25] Dok "F", f'paġġ. 27 – 9 tal-proċess
[26] Dok. "IVG1" f'paġ. 210 tal-proċess
[27] Ara Dok "JS", f'paġġ. 168 – 9 tal-proċess

għall-għarrieda, jew li ma kinetx taf minn qabel il-kuntratt x'qed jiġri u x'kien qed jitlob APS u l-konsegwenzi li dan kien ser iġib miegħu;

Illi għalhekk, fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, il-Qorti ssib li l-imsemmija eċċezzjonijiet huma tajbin u sejra tilqagħhom;

Illi l-Qorti tgħaddi issa biex tqis **is-seba' eċċezzjoni** tal-APS, **u l-ħames eċċezzjoni** tal-BOV. Filwaqt li l-APS jiċħad li kien hemm ftehim bil-fomm biss bejnu u Clarosa, min-naħa l-oħra, l-BOV jgħid li kwalunkwe ftehim li seta' kien hemm, ma jolqotx lilu, u għalih hija *res inter alios acta*;

Illi Clarosa tgħid li l-Garanzija kienet intalbet, għal żmien qasir u bħala miżura provviżorja biex tagħmel tajjeb għad-dejn li l-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco kellhom f'isimhom ma' APS. Lil hinn mill-fatt li din l-istqarrija ma ġiet ippruvata bl-ebda mod minn Clarosa, din il-kundizzjoni ma tirriżultax mid-dokument tal-Garanzija nnifisha. Għall-kuntrarju, lill-Qorti jirriżultalha illi Clarosa tat l-awtorizzazzjoni tagħha minn tal anqas erba' darbiet biex kull darba l-Garanzija tiġġedded u ż-żmien tagħha jittawwal[28];

Illi fid-dawl ta' kitba hekk ċara u ta' xhieda min-naħa ta' Clarosa li hi nieqsa minn konsistenza, il-Qorti ma ssibx li tista' toqgħod fuq ix-xhieda tad-direttur ta' Clarosa jew li torbot fuqha. Dan jingħad ukoll fid-dawl tar-regola li m'għandhiex titressaq prova li tmur kontra prova miktuba, jekk mhux għal raġunijiet serji u eċċezzjonali. Fil-każ tal-lum lill-Qorti ma jirriżultawlhiex dawn tal-aħħar;

Illi bl-istess mod ma ntweriex li Clarosa fissret lil BOV ir-raġuni għaliex APS talab il-Garanzija jew x'seta' kien hemm wara l-qafas li wassal biex Clarosa titlob il-Garanzija minbarra s-self mingħand BOV. F'kull każ, Clarosa ma tgħid imkien li l-Garanzija maħruġa minn BOV ingħatat fuq termini li Clarosa ma kinitx talbithom jew li kienu differenti minn dawk mitluba. Għalhekk, jgħid sewwa BOV li ċ-ċirkostanzi li setgħu wasslu lil Clarosa biex titlob il-ħruġ tal-Garanzija kienu xi ħaġa ta' bejn Clarosa u APS u li hu ma kienx jidħol xejn f'dan u lanqas kien meħtieġ li jidħol f'dan ladarba Clarosa kienet tat struzzjonijiet ċari għall-ħruġ tal-Garanzija;

Illi għaldaqstant il-Qorti ssib hawnhekk ukoll li l-imsemmija eċċezzjonijiet huma tajbin u sejra tilqagħhom;

Il-Qorti issa sejra tqis **il-mertu prinċipali ta' din il-kawża**. Il-konsiderazzjonjiet legali f'dan ir-rigward huma tnejn: l-ewwel, jekk il-

[28] Paġġ. 104 – 112 tal-proċess

Garanzija maħruġa mill-BOV lil APS għandhiex titqies bħala kuntratt ta' garanzija kif mifhuma fl-artikolu 1925 tal-Kodiċi Ċivili; u t-tieni, jekk tgħoddx għal garanzija bankarja l-formalita' tal-kitba meħtieġa taħt l-artikolu 1233 tal-istess Kodiċi;

Illi l-liġi tagħna tqis il-garanzija bħala dak il-kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor[29]. Din ir-rabta tkun tgħodd ukoll jekk il-persuna li tkun obbligata lejn il-kreditur ma tkunx intalbet turi l-qbil tagħha jew saħansitra ma tkunx taf b'dik ir-rabta[30]. Il-garanzija meta magħmula bi kliem ġenerali, tkun tgħodd kemm għall-obbligazzjoni prinċipali u kif ukoll għal dak li jkun aċċessorju għad-dejn[31]. Iżda wkoll, meta l-garanzija tkun ingħatat b'mod solidali, il-kreditur ikun jista' jdur għall-ħlas fuq il-garanti mill-ewwel[32], mingħajr ma jkollu jdur l-ewwel fuq id-debitur li jkun naqas li jħallas fiż-żmien[33]. Fl-obbligazzjonjiet kummerjali, is-solidarjata' tal-garanti mad-debitur ewlieni hija preżunta[34];

Illi għar-rigward tal-formalita' biex tiġi kostitwita l-garanzija, kulma titlob il-liġi hu li din tkun espressa[35] u li ssir bil-miktub[36];

Illi l-kwestjoni ewlenija f'din il-kawża hija jekk il-Garanzija kenitx obbligazzjoni sussidjarja għall-obbligazzjoni li l-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco kellhom ma' APS, jew jekk kenitx rabta awtonoma li Clarosa daħlet għaliha favur APS. Għalhekk, is-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni tindirizza **l-eċċezzjonijiet l-oħrajn fil-mertu** kemm ta' APS u kif ukoll ta' BOV;

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-Garanzija li Clarosa talbet lil BOV biex joħroġ favur APS ma tistax titqies bħala garanzija għall-obbligazzjoni li l-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco kellhom ma' APS. Miċ-ċirkostanzi li joħorġu mill-atti tal-kawża, aktar huwa l-każ li l-Garanzija li APS talab mingħand Clarosa kienet maħsuba li tagħmel tajjeb għar-rabtiet ta' Clarosa nnifisha[37]. Fi kliem ieħor, il-BOV ma ntrabatx u la bħala debitur b'mod prinċipali (jew ko-debitur) mal-imħarrkin Tabone u Spiteri Sacco u lanqas bħala garanti fl-eventwalita' li d-debituri ma jissoddisfawx l-obbligazzjoni tagħhom;

Illi tajjeb li wieħed iqis li l-garanzija bankarja hija sura ta' servizz bankarju maħsub biex iserraħ moħħ il-persuna "garantita" minn xi biżgħa jew

---

[29] Art. 1925 tal-Kap. 16
[30] Art. 1928(12) tal-Kap. 16
[31] Art. 1930(1) tal-Kap. 16
[32] Art. 1935(b) tal-Kap. 16
[33] Art. 1934 tal-Kap. 16
[34] Art. 115(2) tal-Kap. 13
[35] Art. 1929 tal-Kap. 16
[36] Art. 1233(1)(ċ) tal-Kap. 16
[37] Ara wkoll f'dan is-sens id-degriet mogħti mill-P.A AE. fit-**30.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc vs Crown Hotels Limited***, li referenza għalih issir ukoll fis-sentenza mogħtija fis-**26.9.2013** u f'dik tal-Qorti tal-Appell tat-**28.3.2014**

tħassib dwar jekk titħallasx għal xi servizz li tkun tat jew rabta li din tkun daħlet fiha ma' ħaddieħor. Huwa servizz li żviluppa mill-prassi bankarja u magħruf mid-Dritt bankarju. Din ix-xorta ta' garanzija ġiet għaldaqstant meqjusa mill-Qrati tagħna[38] bħala waħda awtonoma, u tiddistingwi ruħha mill-istitut ta' garanzija proprja (fidejussjoni) billi hemm nieqes fiha l-element ta' aċċessorjeta'. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, dan huwa msaħħaħ mill-fatt li l-Garanzija kellha titħallas mill-BOV fuq talba mressqa mill-APS[39], mingħajr il-ħtieġa li l-BOV tistħarreġ jekk dak mitlub kienx dovut[40];

Illi fid-dritt Taljan, il-garazija bankarja ssib xebh mal-kuntratt ta' "*assicurazione fideiussoria*" jew "*cauzione fideiussoria*", magħrufa wkoll bħala "*assicurazione cauzionale*"[41], filwaqt illi fid-dritt Ingliż hija mqabbla mal-kuntratt ta' "*indemnity*";

Illi ladarba l-garanzija bankarja taqa' f'dan il-qafas, wieħed irid jagħrafha mill-garanzija kif magħrufa bħala istitut ċivili marbuta mat-twettiq ta' rabtiet kontrattwali. Kemm hu hekk jingħad li "*The distinction between suretyship and indemnity is of practical importance. In the first place, the form of contract depends on it. No writing is required for an indemnity; since it establishes a primary obligation by the promisor an oral undertaking is sufficient, as in most contracts. A guarantee, on the other hand, establishes a contingent liability of the surety, and the law requires a safeguard. Accordingly, a surety's promise is enforceable only if written evidence can be furnished. .. .. There is no need to make a written contract as, for example, in the case of a legal assignment; it is enough that a written memorandum comes into existence before the creditor sues the surety. .. .. There is another reason why the distinction between a guarantee and indemnity is important. The validity of the guarantee of another person's debt must needs depend on the principal debt being enforceable. An indemnity, on the other hand, being an independent promise by one person to another is valid even if the contract in respect of which the indemnity was given is void*"[42];

Illi b'mod partikolari, huwa mgħallem b'awtorita li "*A guarantee is to be distinguished from a contract involving a primary obligation to the creditor, e.g. an indemnity. .. .. The essential point of an indemnity, or other primary undertaking, is that it is a distinct, autonomous undertaking which is in no way dependent for its content or enforceability on the terms or validity of the undertaking given by the debtor. .. .. To be a guarantee, an undertaking*

---

38 Ara App. Inf. PS **16.3.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dottor Victor E. Ragonesi vs HSBC Bank Malta p.l.c.***
39 Il-Garanzija taqra "*It is understood that any sum under this Guarantee will become payable on your first demand..*"
40 Il-Garanzija taqra "*It shall not be incumbent upon us to verify whether such demand is justified*".
41 Cass. Civ. **10.11.2009** Nru. 3947
42 Chorley & Giles *Slater's Mercantile Law* (17th Edit), paġġ. 335 – 6

*must be truly accessory to that of a principal debtor and must be an undertaking triggered by the principal debtor's default*"[43];

Illi dawn is-siltiet jixħtu dawl siewi fuq il-kwestjoni mqajma minn Clarosa, fid-dawl tal-fatti li ħarġu mill-provi mressqa mill-partijiet. Mill-provi mressqa, din il-Qorti ssib li l-BOV irċeviet talba mill-APS sabiex tħallasha is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, tmienja u erbgħin ewro u disgħa u sittin il-ċenteżmu (€24,048.69)[44], liema ammont kien kopert bil-Garanzija u ladarba t-talba ta' APS saret fi żmien meta l-istess Garanzija (għalkemm mhux imġedda min-naħa ta' Clarosa) kienet għadha fis-seħħ, l-ammont tal-Garanzija ġie dovut u l-ħlas li BOV wettaq lil APS kien f'waqtu;

Illi l-Qorti tgħid għalhekk, li l-Garanzija li dwarha Clarosa fetħet din il-kawża ma kenitx obbligazzjoni aċċessorja, imma rabta awtonoma. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel ma' sottomissjoni magħmula minn BOV[45] li saħansitra l-liġi proċedurali[46] tagħraf il-karatteristika awtonoma tal-garanzija bankarja. Minħabba f'hekk, ma jgħoddux għall-każ il-ħtiġiet mitluba mil-liġi fl-artikolu 1233(1)(ċ) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonjiet, il-Qorti tasal għall-fehma illi BOV mexa mal-obbligi li kienu jirriżultaw fil-ftehim li laħaq mal-APS, liema ftehim, intlaħaq wara li BOV ġie awtorizzat li hekk jagħmel minn Clrosa nnifisha u fi żmien meta l-istess Garanzija kienet għadha fis-seħħ. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li l-ewwel talba hija mistħoqqa u mhijiex sejra tilqagħha;

Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, ifisser li t-**tieni talba attriċi** wkoll ma tistax tintlaqa' u dan għaliex Clarosa sejset il-każ tagħha kollu fuq il-kawżali tan-nuqqas ta' formalita' msemmija minnha fl-ewwel talba. Kemm hu hekk, it-tieni talba nnifisha tgħid li n-nuqqas ta' siwi tal-garanzija jirriżulta "għar-raġunijiet fuq premessi". Matul il-kors tar-rikors promotur ma ssemmiet l-ebda kawżali oħra[47];

Illi għalhekk, lanqas it-tieni talba attriċi ma tista' tintlaqa';

Illi minn dan joħroġ li **t-tielet u r-raba' talbiet attriċi** ma jifdilhomx raġuni biex jintlaqgħu, għaliex jitkellmu dwar ħlas li sar indebitament u li jrid jintradd lura. Ladarba meta BOV ħallas lil APS taħt il-Garanzija, dik il-Garanzija kienet għadha fis-seħħ u ladarba t-talba ta' APS saret

[43] E.P. Ellinger et al, <u>*Ellinger's Modern Banking Law*</u> (5th Edit, 2011), paġġ. 878 – 880
[44] Ara paġ. 102 tal-proċess
[45] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 300 tal-proċess
[46] Ara *proviso* tal-art. 849 tal-Kap 12
[47] Ta' min jgħid li fil-protest ġudizzjarju Clarosa kienet semmiet raġuni oħra, imma din ma semmithiex fil-kawża tal-lum u għalhekk il-Qorti ma tistax tqisha bla ma twettaq ultrapetizzjoni.

taħt il-kundizzjonijiet li għalihom seta' jsir il-ħlas, ma sar l-ebda ħlas indebitu jew mhux mistħoqq u wisq anqas, għalhekk, hemm xi ħlas x'jintradd lura[48];

Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li l-imsemmija talbiet jistħoqqilhom jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** kollha tal-bank imħarrek APS Bank Limited u Bank of Valletta p.l.c. billi huma mistħoqqa; u

**Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża** jitħallsu mill-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**20 ta' Diċembru, 2017**

[48] Ara art. 1021 u 1022 tal-Kap 16